Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,039, 18 ta' April, 2023
Taqsima B

A.L. 89 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Mediation – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Mediation – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Mediation – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 146 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu 'l-ordinamenti prinċipali'.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

Verżjoni Elettronika

(a) grad ta' Bachelor miksub għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II f'wieħed minn dawn l-oqsma: il-*Counselling*, l-*ICT*, l-Ippjanar u l-Ambjent, il-Kriminoloġija, il-Liġi, il-*Management*, il-Psikoloġija, l-Istudji Soċjali, is-*Social Work*, is-*Social Policy* is-Soċjoloġija, l, jew il-*Youth and Community Studies*; jew

(b) grad ta' Bachelor miksub għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II minn din l-Università jew università oħra f'qasam li hu meqjus bħala komparabbli jew rilevanti mill-Bord tal-Istudji."